*for immediate publication*

# Ċikkulata Giraudi magħmula bl-idejn issa tinkiseb minn Talbot & Bons

Il-ħanut ġdid ta' Talbot & Bons li għadu kif fetaħ fi Skyparks, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ġab l-aġenzija ta' Giraudi, ditta speċjalizzata minn Piemonte, l-Italja, li tagħmel iċ-ċikkulata.

Tim ristrett ta' artiġġjani li jaħdmu bi preċiżjoni kbira huma mpjegati f'fabbrika ġdida f'Castellazzo Bormida, f'nofs triq bejn Torino u Milano. Il-familja ilhom fin-negozju għal iktar minn seklu joperaw mitħna tat-tqiq u forn, iżda fis-snin Sittin tas-seklu l-ieħor bdew il-produzzjoni taċ-ċikkulata li għaliha issa saru magħrufin.

Is-sid, Giacomo Boidi, tgħallem ix-xogħol minn żewġ zijiet, Giovanni Battista Giraudi, li kien jagħmel iċ-ċikkulata, u Paolino Boidi, li kien jagħmel il-ħelu. Flimkien daħħlu passjoni fih għal dan ix-xogħol, li kważi hu arti.

Fost l-ispeċjalitajiet u riċetti tipikament mill-Piemonte li għalihom magħrufin hemm is-salami taċ-ċikkulata, Amaretti Marengo, kejk tal-ġellewża, il-Bews tal-Mara, Polenta di Alessandria u Giacometta, krema tal-ġellewża dedikata lill-mara ta' Gianduja, 'l-omm taċ-ċikkulata Giandujotti, li tħobb'. Din il-krema hi ta' kwalità daqshekk tajba peress li fiha perċentaġġ għoli ta' ġellewż mill-Piemonte (32%) u fiha bilanċ tajjeb bejn l-ingredjenti tagħha.

Hamm għażla kbira ta' ċikkulata f'diversi forom iddiżenjati speċifikament minn Giacomo Boidi, bħal ċikkulata li qiesha make-up u diżinji bil-brevett magħmulin biss fil-'laboratorju', apparti minn ċikkulata magħmula għal okkażjonijiet speċjali bħall-Milied, Jum San Valentino, l-Għid u Halloween.

"Issa li morna nżuru l-*laboratorio* ta' Giraudi, intqajna mal-familja u rajna l-istandards għoljin li stabbilew għalihom infushom, apparti milli pprovajna l-prodotti tagħhom, hu unur għalina li din il-familja distinta mill-Piemonte għażlet tagħti l-aġenzija tagħhom lil Talbot & Bons," qal Alan Mercieca Bons, Direttur ta' Talbot & Bons.

Dan hu l-ewwel minn serje ta' marki prestiġġjużi li jistgħu jinxtraw minn Talbot & Bons. Amy Talbot, Direttur ta' Talbot & Bons, żiedet tgħid: "Dan il-proġett eċitanti issa wasal biex iseħħ u aħna ħerqana li nistgħu nilqgħu klijentela ġdida fiċ-ċentru tal-kummerċ ta' Skyparks, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta."

– TMIEM –

Captions:

**Għażla ta' prodotti Giraudi li jisabu fil-ħanut ġdid ta' Talbot & Bons fi Skyparks, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta**

**Giacometta, il-krema klassika gianduja minn Alessandria**

**Assortiment ta' Amaretti Marengo**